# L-Istorja fil-Qosor tal-Marsa St. Michael's F.C.

Raymond Borg

It-tim tal-Marsa St Michael's ġie ffurmat fl-1938, fejn għal żewġ staġuni lagħab logħob ta' ħbiberija u xi *Challenge Cups*. Meta faqqgħet il-gwerra, l-Għaqda kienet ftit li xejn attiva.

Wara l-gwerra l-M.F.A. ffurmat il-liġi magħrufa *Associate Members*, u t-tim tagħna ġie aċċettat f'din l-Assoċjazzjoni fejn saru *Champions* fl-1947 kif ukoll finalisti tan-*K.O.* fl-istess sena. It-tim ħa sehem fil-ħames darbiet li sar il-*Marsa District League*. Fl-ewwel tliet edizzjonijiet li saru fl-aħħar tal-ħamsinijiet is-Saints rebħu kemm il-*league* kif ukoll in-*K.O.* Fl-1967 sar il-*league* biss u s-Saints reġgħu *Champions*, wara logħba akkanita imma dejjem sportiva kontra l-Marsa Young Boys. Sena wara, l-aħħar darba li sar id-*District League*, is-Saints tilfu t-titlu wara *decider*.

Fl-1969, St. Michael's saru *Champions* tat-III diviżjoni ta' l-A.S.C.C. Fis-snin bikrin ta' l-M.A.F.A. is-Saints ġà kienu jipparteċipaw f'din l-Assoċjazzjoni, iżda kellhom jistennew ħafna snin, proprju sa l-1976 biex saru *Champions* tat-II diviżjoni ta' l-M.A.F.A. unur li reġgħu rebħu fl-istaġun 1979-80, staġun ferm iktar iebes u bilanċjat. Saru *Champions* wara *deciders* bejn tliet timijiet. Ħamrun Red Devils, Żejtun West Ham u Marsa St. Michael's, it-tlieta li kienu spiċċaw indaqs fil-*league*.

Dawn l-aħħar staġuni, kienu verament memorabbli għat-tim tas-Saints. Fl-istaġun 1981-82 is-Saints ikkompetew għall-ewwel darba fil-Federazzjoni u rebħu l-*league* tat-III diviżjoni meta f'logħba akkanita t-tim tas-Saints mimli entużjażmu rebaħ lil dak taż-Żejtun 1-0 wara l-ħin barrani. Fl-M.A.F.A. it-tim rebaħ is-sezzjoni fl-aħħar logħba kontra l-Ħamrun Heroes.



Sena wara s-suċċess tas-St. Michael's kompla kiber meta t-tim sar *Champion* tat-II diviżjoni tal-Federazzjoni kif ukoll rebaħ is-sezzjoni

ta' l-M.A.F.A. unur ieħor mistħoqq meta rebaħ it-tazza mingħajr telfa u lanqas *draw*. Spiċċajna bil-kbir meta l-Marsa St. Michael's rebħu ċ-*Championship Pool* meta fil-final għeleb lit-tim tal-Vittoriosa Lightenings 1-0 biex f'Pace Grasso t-tim ġie inkurunat bit-titlu ta' *Champions* ta' l-M.A.F.A. għall-ewwel darba. Matul is-snin dan is-suċċess inkiseb



tmien darbiet oħra fl-istess Assoċjazzjoni. Il-Marsa St. Michael's rebħu wkoll ħames darbiet in-*K.O.* kif ukoll darbtejn il-*Gerry Amaira Cup*.

Ma' din il-kullana ta' suċċessi t-tim tas-Saints rebaħ ħafna *Challenge Cups* li hu impossibbli tikteb fuq kull waħda, però fost l-aktar li żvolġew akkaniti, ta' min ifakkar fl-1967, ir-rebħa ta' 3-1 wara *replay* li s-Saints għamlu fuq il-Ħamrun Helyettes li dak iż-żmien kienu ċ-*Champions* tal-*Ħamrun District League*. Fl-istess staġun u bl-istess *score* t-tim tas-Saints rebaħ tazza oħra lis-7Up F.T.

Żewġ tazzi oħra sponsorjati mis-Sur Joe Grech f'isem il-*Winter Easers* intrebħu mill-Marsa St. Michael's fl-1968 kotra Ta' Xbiex St George's bl-i*score* ta' 3-1 u 2-0. L-aħħar li se nsemmi hija l-logħba *derby* fl-1980, li s-Saints rebħu 1-0 kontra l-Marsa White Stars għat-tazza Dom Mintoff, tazza sponsorjata mis-Sur Żaren Formosa.

Illum hija ħasra li din l-Għaqda m'għadhiex attiva wara tilwima u nuqqas ta' qbil li s-St. Michael's F.C. kellhom ma' l-Assoċjazzjoni, dan l-aqwa tim ta' l-*Ametuers* ta' kull żmien, kontra x-xewqa ta' kulħadd kellu jirtira mill-Assoċjazzjoni.